

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW
ta' l-24 ta' Novembru, 2006
dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2007

(BĊE/2006/19)

(2006/889/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

(miljuni f'EUR)

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 106(2),

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar, 1999, biex japprova l-volum ta' muniti maħruġa mill-Istati Membri li adottaw il-euro (minn issa 'l quddiem "l-Istati Membri parteċipanti").
- (2) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju, 2006, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-munita wahdaniya fl-1 ta' Jannar, 2007⁽¹⁾, id-deroga favur is-Slovenja msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003⁽²⁾ hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007.
- (3) It-tmax-il Stat Membru parteċipanti ta' bħalissa u s-Slovenja ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni l-estimi tagħhom tal-volum ta' muniti euro biex jinħarġu fl-2007, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija ta' tbassir,

	Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkulazzjoni u ħruġ ta' muniti ta' kollezzjoni (mhux iddestinati għaċ-ċirkulazzjoni) fl-2007
Il-Belġju	117,5
Il-Ġermanja	635,0
Il-Greċja	76,9
Spanja	480,0
Franza	362,0
L-Irlanda	81,0
L-Italja	366,9
Il-Lussemburgu	45,0
Il-Pajjiżi l-Baxxi	71,2
L-Awstrija	166,0
Il-Portugall	110,0
Is-Slovenja	104,7
Il-Finlandja	60,0

Artikolu 2

Dispożizzjoni Finali

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-24 ta' Novembru, 2006.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-volum ta' muniti euro biex jinħarġu fl-2007

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti euro biex jinħarġu mill-Istati Membri parteċipanti fl-2007 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

⁽¹⁾ ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.

⁽²⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.